MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 760/2015 LM

**Anthony Micallef (ID numru 454968M) u Helen Taliana (ID numru 200672M) in rappreżentanza ta' u eżerċenti l-awtorità parentali fuq binthom minuri Shania Micallef**

***vs.***

**Pierre Cuschieri (ID numru 347772M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-7 ta' Awwissu, 2015 mill-atturi **Anthony Micallef** (ID 454968M) u **Helen Taliana** (ID 200672M) in rappreżentanza ta' u eżerċenti l-awtorità parentali fuq binthom minuri **Shania Micallef** (minn issa 'l quddiem "l-atturi nomine"), u maħluf minn Helen Taliana (ID 200672M), stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrenti huma l-ġenituri tal-minuri Shania Micallef illi llum għandha erbatax (14) -il sena;*

2. *Illi l-imsemmija minuri weġġgħet serjament u sofriet debilità ta' natura permanenti b'riżultat ta' inċident illi seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013, fil-korsa ossia race track magħrufa bħala 'Il-Kwart ta' Mil', f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia;*

3. *Illi l-inċident in kwistjoni seħħ meta l-imsemmija minuri Shania Micallef kienet qed issegwi tellieqa ekwestra flimkien ma' ħuha Dylan Micallef u diversi persuni oħra, liema tellieqa kienet organizzata mill-intimat, u fil-kors ta' din it-tellieqa hija ġiet milquta minn żiemel ossia pony bil-konsegwenza li hija ġiet imsabbta mal-art u b'hekk sofriet ġrieħi estensivi ħafna tant illi kienet anke fil-perikolu tal-mewt rikoverata fl-ITU tal-Isptar Mater Dei u llum hija afflitta minn debilità ta' natura permanenti;*

4. *Illi da parti tiegħu jidher illi l-intimat kellu polza ta' assigurazzjoni ma' Citadel Insurance plc li tkopri dan l-avveniment;*

5. *Illi l-intimat, bħala l-organizzatur u l-persuna liċenzjata biex iżomm dan l-avveniment, kien obbligat li jieħu ħsieb li jipprovdi għas-saħħa u s-sigurtà ta' dawk kollha li pparteċipaw fi u attendew għal dan l-avveniment, inkluż naturalment il-minuri Shania Micallef;*

6. *Illi huwa bil-wisq ċar u manifest illi l-intimat naqas milli jadempixxi dana l-obbligu u għalhekk l-inċident in kwistjoni seħħ unikament minħabba nuqqasijiet, ħtijiet u tortijiet imputabbli lill-istess intimat;*

7. *Illi konsegwentement l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;*

8. *Illi l-intimat ġie debitament interpellat permezz ta' Ittra Uffiċjali Numru 1326/2015 datata l-14 ta' April, 2015 sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti iżda huwa baqa' inadempjenti u għalhekk kellha tiġi istitwita din il-kawża.*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-*

(i) *Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsistenti fid-debilità permanenti li nkorriet binthom minuri Shania Micallef b'riżultat tal-inċident illi seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013 waqt avveniment organizzat mill-intimat ta' tiġrijiet taż-*

*żwiemel u ponijiet miżmum fil-korsa tal-Kwart ta' Mil f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia;*

*(ii)* *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u*

*(iii)* *Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti d-danni kollha kif likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali Numru 1326/2015 datata 14 ta' April, 2015 u bl-imgħax legali kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016 fejn ġie dikjarat li l-konvenut **Pierre Cuschieri** (ID 347772M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), għad li kien debitament notifikat bir-Rikors Maħluf, huwa naqas milli jippreżenta risposta maħlufa fiż-żmien mogħti mil-liġi u għalhekk kellu jitqies li baqa' kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-atturi.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Novembru 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi nomine.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Shania Micallef, bint l-atturi sofriet diversi debilitajiet permanenti f'inċident li seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013 waqt li kienet f'korsa tat-tlielaq bil-karozzi ġewwa Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia, iżda li intużat għat-tlielaq taż-żwiemel, waqt li kienet qiegħda ssegwi t-tlielaq taż-żwiemel allegatament sfat milquta minn poni bil-konsegwenza li ssabtet mal-art u sofriet diversi ġrieħi serji. L-atturi jgħidu li t-tlielaq inkwistjoni kienu ġew organizzati mill-konvenut. Skont l-atturi, il-konvenut naqas milli jipprovdi għas-saħħa u s-sigurtà ta' dawk li pparteċipaw u attendew għall-imsemmi avveniment u għandu jinżamm unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti minn Shania Micallef b'riżultat tal-inċident li seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013.

## Provi u riżultanzi

L-attur **Anthony Micallef** fl-*affidavit*[1] tiegħu jgħid, li hu missier il-vittma tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Qal li dakinhar tal-inċident li seħħ fit-3 ta' Mejju 2013, bintu kienet qiegħda ssegwi t-tiġrijiet taż-żwiemel ma' ħutha u xi ħbieb tal-familja. Malli ġie infurmat bl-inċident hu mar l-Isptar fejn sab lil bintu mimlija dmija u b'diversi ġrieħi. Qal li konsegwenza tal-inċident bintu għamlet żmien twil ma tattendix skola, u għamlet perijodu twil ta' żmien iddur mingħand tabib għal ieħor. Qal li wara l-inċident bintu għadha ssofri minn diversi konsegwenzi, fosthom trawma psikoloġika u biżgħa miż-żwiemel,

[1] *A fol.* 20 tal-proċess.

minkejja li qabel l-inċident hi saħansitra kellha ż-żiemel tagħha, u wara l-inċident ma tridx taf bih aktar.

Omm il-vittma **Helen Taliana** fl-*affidavit* tagħha[2] qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, bintha kellha tnax-il sena[3], u dakinhar hi kienet wasslet lil uliedha, Dylan u Shania għand ħbieb tagħhom il-Buskett sabiex imorru flimkien jaraw it-tlielaq biż-żwiemel. L-attriċi qalet li għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija hija kellha telefonata mingħand ħabiba tagħha, li infurmatha li bintha kienet weġġgħet u li kienet ser tittieħed l-Isptar bl-ambulanza. Żiedet tgħid li hekk kif rat lil bintha fit-Taqsima tal-Emerġenza, hi kienet ħadet xokk kbir minħabba fil-ġrieħi sostanzjali li din kellha. Mit-Taqsima tal-Emerġenza bintha kienet ġiet trasferita għat-Taqsima tal-Kura Intensiva minħabba li għal xi ħin hija kienet fil-periklu tal-mewt. L-attriċi qalet li b'riżultat tal-inċident, bintha għadha ssofri minn diversi ġrieħi intensivi u danni ta' natura permanenti, liema ġrieħi kienu jeħtieġu interventi kirurġiċi f'ras il-vittma. Żiedet tgħid li bintha kellha wkoll ksur f'saqajha, tant li kienet damet għaxar ġimgħat b'saqajha fil-ġibs. L-attriċi qalet li bintha sofriet ukoll trawma psikoloġika, tant hu hekk m'għadhiex l-istess persuna li kienet qabel, u baqgħet konxja ħafna mid-dehra tagħha minħabba fid-diversi ġrieħi li sofriet f'wiċċha. L-attriċi qalet li minħabba li l-inċident inkwistjoni seħħ f'Mejju 2013, dik is-sena bintha ma reġgħetx irritornat l-iskola, u meta din reġgħet bdiet tattendi l-iskola fis-sena skolastika ta' wara, hija batiet ħafna akkademikament anki minħabba fit-trawma psikoloġika li kienet għaddiet minnha.

[2] *A fol.* 21 tal-proċess.
[3] Shania Micallef twieldet fit-18 ta' Ġunju, 2001.

Ħu l-vittma, **Dylan Micallef** fl-*affidavit* tiegħu[4] qal li hu kien attenda għat-tiġrijiet inkwistjoni flimkien ma' oħtu, minħabba li xi ħbieb tagħhom kienu ser jieħdu sehem fit-tlielaq. Ix-xhud spjega li t-tlielaq biż-żwiemel saru fil-parti tat-triq li tiġi maġenb it-*track* li fuqu jtellqu l-karozzi, u bejn din it-triq u t-*track* tpoġġew għadd ta' blokok tal-konkrit, u fil-parti fejn kienu ser itellqu ż-żwiemel tpoġġew *bollards* tal-plastik, li iżda ma kinux mimlijin bl-ilma. Ix-xhud kompla jgħid li ħadd mill-organizzaturi ma beda jidderieġi lin-nies li attendew għat-tlielaq fejn setgħu joqogħdu, u lanqas ma kien hemm Pulizija fuq il-post ħlief għal uffiċjal wieħed li kien għassa mad-dħul. Ix-xhud qal li kien hemm ħafna dlam waqt it-tlielaq, u meta titlesta tiġrija, iż-żiemel li jkun tellaq kellu jinstaq lura mill-istess korsa fejn kien hemm żwiemel oħra qegħdin itellqu. Qal li f'ħin minnhom sema' għajjat li kien hemm żiemel maħrub, u hu intebaħ li dan kien qiegħed jiġri waħdu lejn id-direzzjoni fejn kien hemm in-nies:

> "Iż-żiemel bis-serkin imkisser (lasti biss kellu) laqat ir-rota tax-xellug tas-serkin tagħna, baqa' għaddej b'veloċità qawwija minn ħdejja, tajjar il-*barriers* tal-plastik u kif indur nara tifla togħla li sa dak il-mument kont għadni ma ndunajtx li kienet oħti. Jiena mill-ewwel mort biex infittex lil oħti Shania u lil Mark u nara tifla mal-art b'xi nies miġburin madwarha u lanqas biss għaraftha lil Shania tant li kont se nimxi 'l hemm u kien biss x'ħin erġgħajt ittawwaltiha li għaraftha mill-ħwejjeġ illi kienet oħti Shania."

Ix-xhud spjega li oħtu kellha l-kappell t'għajnejha miftuħ, geddumha miftuħ, diversi ġrieħi ma' wiċċha, tant li kellha diversi dmija, u saqajha kienet mgħawġa. Ix-xhud qal li oħtu ttieħdet l-Isptar fi ftit ħin, u hija kienet damet rikoverata hemmhekk għal diversi ġimgħat. Żied jgħid li wara hu sar jaf li kien hemm persuna oħra li saħansitra tilfet ħajjitha minħabba f'dan l-inċident.

[4] *A fol.* 23 tal-proċess.

Ix-xhud **Nathan Borg** li ukoll kien fuq il-post tal-inċident, fl-*affidavit* tiegħu[5], qal li hu kien qiegħed fil-post fejn seħħ l-inċident minħabba li kien mar itellaq biż-żiemel tiegħu. Qal li wara li tellaq iż-żiemel tiegħu, sema' l-għajjat tan-nies minħabba li kien ħarab żiemel. Qal li dak il-ħin il-vittma kienet marret wara l-*barriers*, filwaqt li hu kien qiegħed jaqsam il-korsa biex jiġbor xi ċwievet mingħand missieru. Qal li ż-żiemel maħrub kien sfrattat, u dak il-ħin qam paniku sħiħ u anki weġġgħu xi nies. Qal li f'ħin minnhom ra lil Shania Micallef bid-demm ma' wiċċha u nieżel minn għajnejha, u fi ftit tal-ħin waslet l-ambulanza u ħaditha l-Isptar. Ix-xhud qal li hu jieħu sehem f'diversi tiġrijiet taż-żwiemel, u din kienet l-ewwel darba li saru tiġrijiet f'dak il-post billejl. Qal li l-*barriers* ta' protezzjoni li kienu tpoġġew, ma kinux biżżejjed biex jevitaw inċident bħal dak għax kienu vojta. Qal ukoll li l-organizzatur ma bediex jagħti ċans bejn tiġrija u oħra sakemm min ikun tellaq ikun laħaq ħareġ mill-korsa.

Ix-xhud **Vincent Borg,** li ukoll kien fuq il-post, fl-*affidavit* tiegħu[6] qal li hu kien attenda għal dawn it-tiġrijiet minħabba li t-tifel tiegħu Nathan Borg kien ser itellaq iż-żiemel tiegħu. Qal li b'differenza minn tlielaq oħra li ġieli ħa sehem fihom it-tifel tiegħu, din it-tellieqa partikolari saret f'post fejn soltu jittellqu l-karozzi, u kienet saret billejl. Kompla jgħid kif wara li l-folla daħlet fil-korsa, ma kien hemm ħadd biex jikkontrolla l-preżenza tan-nies li attendew, tant li kulħadd tħalla joqgħod fejn irid, u kien hemm min saħansitra waqt it-tlielaq poġġa bilqiegħda fuq il-blokok tal-konkos u tal-plastik li kien hemm matul il-korsa kollha. Qal li ibnu Nathan tellaq iż-żiemel tiegħu u ġie l-ewwel, u waqt li dan kien qiegħed jirritorna lejn il-familja tiegħu bis-serkin, hu seta' jara li min kien qed organizza t-tlielaq ma kienx qiegħed jagħti ċans bejn tellieqa u oħra,

[5] *A fol.* 26 tal-proċess.
[6] *A fol.* 27 tal-proċess.

tant li t-tellieqa ta' wara bdiet waqt li l-bhejjem kienu għadhom fil-korsa. Ix-xhud qal li minn fejn kien hu, kellu viżwali tajba ta' dak kollu li kien qed jiġri, u f'ħin minnhom ra żiemel għaddej jiġri jitħaxken minn bejn il-blokok tal-plastik, waqqa' lill-ġerrej tiegħu u beda jiġri waħdu b'veloċità qawwija, tant li tajjar il-blokok tal-plastik li kienu vojta, u laqat diversi persuni, fosthom lil Shania Micallef. Qal li dak il-ħin hu mar jiġri fid-direzzjoni fejn kien hemm it-tfal, u ra lil Shania mal-art b'wiċċha kollu demm. Ix-xhud qal li fl-opinjoni tiegħu l-miżuri li kien hemm fil-korsa ma kinux adegwati biex jiġu evitati inċidenti bħal dawk, tant hu hekk kulħadd seta' joqgħod fejn ried, u l-blokok tal-plastik li tpoġġew fil-korsa ma kinux mimlija bl-ilma kif suppost.

Ix-xhud **Kurt Gauci** *fl-affidavit* tiegħu[7] qal li huwa wkoll kien qiegħed jattendi għat-tiġrijiet taż-żwiemel dakinhar tal-inċident, u filwaqt li kkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba li kien ħarab żiemel, qal ukoll li f'ħin minnhom sema' ħafna għajjat li kienet intlaqtet tifla. Qal li kien ra lil Shania Micallef b'ħafna ġrieħi f'wiċċha u kien jidher ukoll li kellha saqajha miksura.

Ix-xhud **Nathalie Borg**, omm Nathan u mart Vincent Borg, fl-*affidavit* tagħha[8] qalet li hi kienet waslet pjuttost tard fuq il-post sabiex tara t-tlielaq, u kif daħlet semgħet għajjat u rat żiemel sfrattat għaddej jiġri minn qalb in-nies. Qalet li xħin rat iż-żiemel, dan ma kellux ġerrej fuq is-serkin, u kien qiegħed jiġri b'veloċità qawwija tant li baqa' dieħel ġon-nies. Qalet li ftit tal-ħin wara ż-żiemel inkwistjoni ġie miżmum, u meta resqet viċin fejn seħħ l-inċident hi rat raġel mal-art, li miet ftit wara, u tifla, li wara indunat li kienet Shania Micallef,

[7] *A fol.* 30 tal-proċess.
[8] *A fol.* 31 tal-proċess.

li kellha diversi ġrieħi. Ix-xhud qalet li ftit minuti wara waslet l-ambulanza, u hi ċemplet lil omm il-vittma li fil-fatt laħqet waslet l-Isptar qabel l-ambulanza.

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2017 xehed **Mr Herman Borg Xuereb**[9], *consultant ENT, head and neck surgeon* l-Isptar Mater Dei, li qal li hu kien ra lill-vittma l-għada tal-inċident, u kien sarilha CT scan minħabba d-diversi fratturi li kellha.[10] Ix-xhud qal li minħabba fil-fratturi li kellha l-vittma din aktarx li ser tibqa' ssofri minn uġigħ u minn dgħufija fil-partijiet fejn sofriet ksur jew fratturi. Ix-xhud qal li l-vittma kienet għadha żgħira wisq għall-intervent li kien meħtieġ f'imneħirha, minħabba li l-iżvilupp tal-wiċċ jiddependi mill-imnieħer. Ix-xhud qal ukoll li b'dak li ġara jista' jiġi affettwat l-iżvilupp tas-snien tal-għaqal. Ix-xhud ikkonferma li minħabba l-ġrieħi li sofriet il-vittma, hija kienet fil-periklu li titlef ħajjitha. Ix-xhud qal li hu kien ikkonkluda li l-vittma kienet sofriet debilità permanenti ta' tmienja fil-mija (8%) minħabba fil-ġrieħi li sostniet f'wiċċha. Ix-xhud qal li hu ma kienx l-uniku espert mediku li kkura lill-vittma, u kien hemm konsulenti oħrajn involuti fil-kura tal-vittma min-naħa tal-ENT, tal-oftalmoloġija, tal-ortopedija, u tan-*neuro-surgery.*

L-atturi esebew ukoll kopja ta' rapport mediku imħejji minn **Mr Thomas Fenech**, *consultant ophthalmic surgeon*[11], li qal li hu kien invista lill-vittma fi

[9] *A fol.* 50 tal-proċess.

[10] Fi kliem ix-xhud, ".... kellha fratturi tar-*right frontal bone* jiġifieri din il-biċċa tal-għadma ta' quddiem tar-ras. *Right frontal sinus* jiġifieri s-*sinus* ta' wara. *Right orbit,* l-għadam ta' madwar l-għajn and *right ... sinus,* jiġifieri din il-biċċa t'hawn u l-għajn kienet qiegħda taqa' 'l isfel għal ġos-*sinus* u kien hemm ukoll *dislocation,* il-ġog *on the right* tax-xedaq kien maqlugħ minn postu u kien hemm ksur ta' din il-biċċa għadma fuq fejn jidħol il-ġog u kien hemm *dislocation* ukoll tan-naħa l-oħra, l-istess *joint* fuq in-naħa l-oħra. Fl-4 ta' Mejju 2013 għamilna *joint operation* jien u n-*neurosurgeon* Dr. Djukic għax peress li dan kien mifqugħ ġewwa *it's a bi-coronal incision,* jiġifieri trid taqta' minn hawn s'hawn, tniżżel kollox u jkollok aċċess tajjeb u bażikament taqla' din il-biċċa, hi tkun tista' topera n-naħa tal-moħħ ... Ġimgħa wara, għax meta jkollok iz-*zygoma fracture* jiġifieri meta jkollok frattura ta' din l-għadma dejjem tistenna ġimgħa biex tinżel in-nefħa biex is-snien jiġu dritti. Allura wara ġimgħa għamilna a *conjoint operation,* din id-darba jien ma' Dr. Alex Azzopardi, li kien il-*head of dentistry,* biex inġibuha sew. Imbagħad fit-23 ta' Awwissu, 2014, kemm kemm aktar minn sena wara, il-metall, insomma neħħejtilha l-metall."

[11] *A fol.* 72 tal-proċess.

Frar, 2015 għal *medical assessment report* in vista tal-inċident li kellha. F'termini kliniċi, ix-xhud stabbilixxa li:

> *"Today her visual acuity is 6/9 in each eye with normal ocular exam. Her residual defects are Right endophthalmos with associated Right Ptosis, such that she has a cosmetically marked reduction of her right palpable fissure. In summary this girl has been left with a cosmetic problem with is facial and carries a significant disability, particularly from a psychological point of view.*[12]*"*

L-atturi ppreżentaw ukoll ir-rapport mediku ta' **Mr Joseph Briffa**[13], *consultant plastic and reconstructive surgeon,* li kkonkluda li konsegwenza tal-imsemmi inċident, il-vittma sostniet diversi ġrieħi u minħabba f'hekk kienet teħtieg diversi interventi kirurġiċi. Mr Briffa qal li hu kien ra lill-vittma fid-Dipartiment tas-*Surgical Outpatients* tal-Isptar madwar sena wara l-inċident, u hija kienet ġiet riferuta għandu minħabba fi ġrieħi evidenti f'wiċċha li għalihom sarilha intervent korrettiv. Mr Briffa qal li l-marki li għandha l-vittma f'wiċċha huma ta' natura permanenti, u m'hemmx mod kif dawn jistgħu jiġu eliminati. Żied jgħid li fl-opinjoni tiegħu, il-vittma sofriet debilità permanenti in vista tad-diversi marki u sfreġju li għandha f'wiċċha ta' erbgħa fil-mija (4%).

L-atturi esebew ukoll ir-rapport mediku ta' **Mr Hermann Karl Borg-Xuereb**[14], li stabbilixxa li Shania Micallef għandha debilità permanenti ta' tmienja fil-mija (8%) mill-aspett ta' ENT.

Ġew esebiti wkoll diversi irċevuti b'rabta ma' spejjeż li kellhom isiru mill-atturi konsegwenza ta' dan l-inċident.[15]

---

[12] Dan ix-xhud stabbilixxa li mil-lat oftalmoloġiku l-minuri Shania Micallef ma sofriet l-ebda telf fil-viżwal jew problemi ta' natura permanenti.
[13] *A fol.* 74 tal-proċess.
[14] *A fol.* 77 tal-proċess.
[15] *A fol.* 79 tal-proċess.

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tar-rapport tal-Pulizija in segwitu għal dan l-inċident[16], minn fejn tirriżulta l-verżjoni li ta l-konvenut Pierre Cuschieri dwar il-mod kif seħħ l-inċident, li spjega li waqt li kienet għaddejja tellieqa bejn żewġ ponijiet, poni minnhom serraħ mal-*barriers* u nqasmulu l-lasti u konsegwenza ta' dan inkiser is-serkin, bil-ġerrej tiegħu li waqa' mal-art u l-poni jaħrab waħdu u jolqot żewġ persuni. Mir-rapport tal-Puliziija jirriżulta wkoll li dan l-avveniment kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni u bil-permessi neċessarji għall-attività tat-tlielaq taż-żwiemel. Anness mar-rapport ġew ippreżentati wkoll kopja tal-ħlas li sar lis-soċjetà tal-assigurazzjoni kif ukoll kopja tal-permess li l-Malta Drag Racing Association ħarġet lil Pierre Cuschieri sabiex dan jorganizza t-tlielaq taż-żwiemel fil-post inkwistjoni.

L-atturi ppreżentaw kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta lil Pierre Cuschieri, fejn dan ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti minnhom u minn binthom minuri Shania Micallef.[17]

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2017 xehed il-**PS 897 Joseph Galea**[18], li qal li dakinhar tat-3 ta' Mejju, 2013 kien xogħol billejl fl-għassa taż-Żurrieq, meta irċieva informazzjoni mill-għassa ta' Birżebbugia li kien seħħ inċident fil-post magħruf bħala 'Il-Kwart ta' Mil'. Ix-xhud qal li huwa mar fuq il-post flimkien mal-Pulizija, fejn sab li kienu diġà ttieħdu xi nies l-isptar bl-ambulanzi li waslu qabel fuq il-post. Ix-xhud qal li fuq il-post kien hemm il-konvenut Pierre Cuschieri, u dan qallu li waqt li kienu qegħdin itellqu żewġ ponijiet, wieħed minnhom kien serraħ mal-*barriers* u nqasmulu l-lasti, u konsegwenza ta' dan inkiser is-serkin. Żied jgħid li meta waslu l-Pulizija fuq il-post in-nies li kien

[16] *A fol.* 96 tal-proċess.
[17] *A fol.* 105 tal-proċess.
[18] *A fol.* 111 tal-proċess.

hemm kienu laħqu tferrxu, u għalkemm ikkonferma li fuq is-sit kien hemm *barriers* tal-plastik, ma kienx jaf jekk dawn kinux mimlija bl-ilma jew le. Ix-xhud ikkonferma li b'rabta ma' dan l-inċident saret ukoll inkjesta maġisterjali.

Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2017 xehed **Mr Thomas Azzopardi**[19], li qal li hu *orthopaedic surgeon* u kien hu li kien involut fil-kura tal-ksur li l-vittma sofriet fil-qasba ta' saqajha. Ix-xhud qal li mill-eżami li għamel fuq il-vittma, kien stabbilixxa li l-ksur li kellha kien fieq, u ma kien baqgħalha l-ebda deformità għajr għal xi nefħa u wġigħ. Ix-xhud spjega s-sitwazzjoni tal-vittma b'dan il-mod:

> "*The prognosis is good but she may suffer minor disability in the long term.*"

Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tad-*discharge summary* ta' Shania Micallef, minn fejn jirriżultaw id-dettalji kollha marbuta mal-kura li ngħatat mil-lat ortopediku.[20]

Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018 xehed **Dr Mark Xuereb**[21], psikjatra, li qal li l-vittma Shania Micallef kienet ilha tattendi għal sessjonijiet ta' psikoterapija fil-klinika tiegħu madwar sena jew sena u nofs. Ix-xhud qal li hu sar jaf b'dak li ġara waqt l-inċident minħabba li qaltlu Micallef stess, u din kienet ittieħdet għandu għall-kura minn ommha u mit-tabib kuranti tagħha minħabba li dawn kienu inkwetati li din ma kinitx baqgħet l-istess persuna wara l-inċident u ma baqgħetx iġġib ruħha b'mod li għandha ġġib ruħha persuna tal-età tagħha. Żied jgħid li t-trawma sofferta mill-vittma tindika impatt fiżiku u psikoloġiku

[19] *A fol.* 125 tal-proċess.
[20] *A fol.* 127 tal-proċess.
[21] *A fol.* 145 tal-proċess.

perpetwu, li hija indikazzjoni li t-trawma hija waħda kbira. Ix-xhud spjega d-diversi fatturi li kkontribwixxew għat-tbatija psikoloġika tal-vittma, u tal-mod kif dawn qegħdin jaffettwawlha ħajjitha mill-aspett psikoloġiku, soċjali, fiżiku u anki spiritwali. Ix-xhud qal li fl-opinjoni tiegħu l-vittma sofriet rata ta' diżabilità permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%), u għandha bżonn terapija fit-tul, għalkemm jidher li l-prospetti għall-fejqan tagħha ma tantx huma tajbin u dan minkejja t-terapija li qiegħda tingħata. Ix-xhud esebixxa kopja tas-*psychiatric report* redatt minnu.[22]

Fl-udjenza tad-19 ta' Frar, 2018 xehed l-**Ispettur Kevin Pulis**[23], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni hu kien stazzjonat ġewwa l-għassa taż-Żurrieq, meta lill-Pulizija waslitilha informazzjoni li kien hemm inċident f'Ħal Far. Ix-xhud qal li huwa ma kienx jaf li kien hemm din it-tiġrija għaddejja minħabba li ma kienx hu l-Ispettur inkarigat minn dik id-diviżjoni. Ix-xhud ikkonferma li fuq it-trakka kien hemm għadd ta' barrikati ta' lewn aħmar sabiex jifirdu lin-nies mill-post fejn kienu qegħdin itellqu ż-żwiemel u dawn il-barrikati kienu vojta. Ix-xhud qal li rriżultalu li f'tiġrija partikolari kien hemm poni li sfratta, laqat barrikata, u tilef il-kontroll tant li baqa' dieħel fiż-żona fejn kien hemm in-nies jaraw it-tiġrijiet. Ix-xhud qal li għal dan l-avveniment partikolari s-*set-up* kien differenti minn dak li soltu jkun hemm meta jsiru t-tlielaq tal-karozzi, u mal-ġenb tat-trakka kienu ntramaw dawn il-barrikati tal-plastik u n-nies kienu qagħdu warajhom. Ix-xhud qal li rriżultalu wkoll l-inċident seħħ meta l-ġerrej tal-poni laqat waħda minn dawn il-*barriers* bis-serkin tiegħu, u tilef il-kontroll, waqa' minn fuq il-poni u meta l-poni ma baqax iggwidat, dan ġibed għal fuq in-nies. Ix-xhud intalab jivverifika jekk l-inkjesta maġisterjali dwar dan l-

[22] *A fol.* 151 tal-proċess.
[23] *A fol.* 182 tal-proċess.

inċident kinitx ġiet konkluża, u dwar jekk l-avveniment inkwistjoni kienx kopert bil-permessi kollha tal-Pulizija.

Fl-istess udjenza xehdet l-attriċi, **Helen Taliana**[24], li esebiet għadd ta' irċevuti oħra b'rabta ma' terapija li qiegħda tingħata lill-minuri Shania Micallef[25], flimkien ma' ritratt miġbud ftit tal-mumenti qabel ma seħħ l-inċident li juri li fil-post ma kienx hemm dawl adegwat.[26]

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2018 kompla jixhed l-**Ispettur Kevin Pulis**[27] li qal li mill-informazzjoni li ġabar jidher li l-inkjesta maġisterjali kienet għadha mhix konkluża. Qal ukoll li l-ebda Spettur mhu assenjat fuq din l-inkjesta partikolari. Ix-xhud qal ukoll li dan l-avveniment ma kienx jeħtieġ xi tip ta' liċenzja tal-Pulizija minħabba li ġie organizzat fuq art privata li tappartjeni lill-Malta Drag Racing Association. L-istess xhud reġa' xehed fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018, u dan sabiex jippreżenta żewġ irċevuti maħruġa mill-għassa tal-Pulizija taż-Żejtun wara li rriżulta li Pierre Cuschieri kien talab li jkun hemm żewġ Pulizija sabiex ikopru dan l-avveniment għal raġunijiet ta' bon ordni[28], kif ukoll kopja ta' irċevuta maħruġa minn Citadel Insurance plc dwar il-polza tal-assigurazzjoni li l-konvenut kellu biex ikopri l-avveniment inkwistjoni.[29]

Fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018 xehed il-**Profs. Thomas Fenech**[30], li qal li hu speċjalizzat fil-mard u fl-*injuries* tal-għajnejn. Żied jgħid li hu eżamina lil Shania Micallef fit-18 ta' Marzu 2015, u hu ma kienx involut fil-kura tagħha wara l-inċident. Qal li meta eżamina lil Shania Micallef kien irriżultalu li hija kienet

[24] *A fol.* 192 tal-proċess.
[25] *A fol.* 195 tal-proċess.
[26] *A fol.* 205 tal-proċess.
[27] *A fol.* 207 tal-proċess.
[28] *A fol.* 218 tal-proċess.
[29] *A fol.* 219A tal-proċess.
[30] *A fol.* 231 tal-proċess.

fieqet mill-ħafna problemi sofferti fil-partijiet tal-għajnejn minħabba fl-inċident, u l-problemi rimanenti huma ta' natura pjuttost kożmetika. Ix-xhud iddeskriva l-problemi li kellha l-minuri b'dan il-mod:

> "Hi spiċċat meta rajtha jien *with a significant ptosis. Ptosis* ifisser li kellha l-kappell baxx u ma setgħetx tikkontrollah u tiftaħ għajnejha kompletament fuq in-naħa tal-lemin u fuq in-naħa tal-lemin l-għajn kienet miġbuda 'l ġewwa, ngħidulha *inophtalmos* jiġifieri l-livell tal-għajnejn ma kienx fl-istess pożizzjoni. Din kienet konsistenti mal-*fractures* li kellha għax din kellha *fractures* fir-roof fil-*floor of the orbit* jiġifieri kellha *orbital fractures* u konsegwentement jien il-problemi li kont qed nara kienu pjuttost *from a cosmetic point of view* allura għax *fortunately* bħala *dipplopia double vision,* ma kellhiex *dipplopia* jiġifieri bħala problema tal-*vision* kienet *good but from a facial cosmetic point of view was quite significant* id-diżabilità tagħha. *Obviously* id-diżabilità hija pjuttost *cosmetic* u psikoloġika."

Fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018 xehed **Paul Pace**[31], li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident kien President tal-Malta Drag Racing Association, li qal li ftit taż-żmien qabel ma ġiet organizzata din it-tiġrija, il-kumitat tal-Assoċjazzjoni kien ġie avviċinat mill-konvenut, li kien staqsa jekk kienx possibbli li jiġu organizzati tlielaq taż-żwiemel fil-medda art magħrufa bħala il-Kwart ta' Mil. Qal li l-kumitat tal-Assoċjazzjoni kien qabel li l-konvenut għandu jingħata permess jorganizza din it-tiġrija sakemm dan ikun kopert bil-permess tal-Pulizija, bl-ambulanza u b'polza tal-assigurazzjoni. Ix-xhud qal li l-miżuri ta' sigurtà tħallew f'idejn il-konvenut, għalkemm fis-sit diġà kien hemm ċint tal-konkos it-tul kollu tat-trakka sabiex jinżamm distakk bejn iż-żona li fiha jsiru t-tiġrijiet u fejn joqogħdu n-nies. Ix-xhud qal li b'differenza mill-attivitajiet li soltu torganizza l-MDRA, hu kien innota li f'dan l-avveniment partikolari n-nies kienu telgħu bilqiegħda fuq iċ-ċint tal-konkos li minflok intuża bħala *barrier*

[31] *A fol.* 235 tal-proċess.

protettiva, intuża bħala post minn fejn in-nies setgħu jsegwu t-tlielaq, u żied jgħid li l-konvenut ħa ħsieb jagħmel ukoll *bollards* tal-plastik, li jistgħu jkunu mimlijin bl-ilma. Qal li bħala Assoċjazzjoni huma ma jimlewhomx bl-ilma, iżda anki meta jkunu vojta dawn jifilħu għad-daqqiet tal-karozzi. Ix-xhud qal li membri tal-Assoċjazzjoni kienu preżenti fit-*tower* dakinhar tal-inċident, u r-raġuni għalfejn kienu hemm kienet sabiex ikun hemm kontroll fuq is-sistema tad-dawl li intużat. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx hemm uffiċjali jiggwidaw lin-nies li attendew dwar fejn setgħu jpoġġu bilqiegħda.

Fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2018, xehed **Mr Joseph Briffa**[32], li qal li hu ra lil Shania Micallef l-ewwel darba fl-2014 minħabba li kellha xi *scars* evidenti f'wiċċha u kienet ġiet riferuta għandu sabiex jiġi stabbilit jekk setax isirilha xi tip ta' intervent. Qal li hu reġa' ra lill-vittma fl-2015, u kien ikkonkluda li hija kellha debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%) minħabba fl-inċident li kellha. Ix-xhud qal li l-i*scars* li Micallef għandha f'wiċċha huma ta' natura permanenti, u anki jekk din ikollha xi tip ta' intervent ieħor, il-marki tal-intervent xorta waħda ser jibqgħu jidhru.

Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018 xehdet **Gertrude Scerri**, in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei li ppreżentat kopja tal-*file* mediku ta' Shania Micallef.[33]

Fl-istess udjenza xehed **Mario Grixti**, in rappreżentanza ta' Transport Malta[34], li qal li l-medda art magħrufa bħala 'Il-Kwart ta' Mil' f'Ħal Far ma taqax taħt ir-responsabbilità ta' Transport Malta minħabba li hi meqjusa bħala art privata.

[32] *A fol.* 244 tal-proċess.
[33] *A fol.* 251 *et seq.* tal-proċess.
[34] *A fol.* 445 tal-proċess.

Fit-28 ta' Novembru, 2018 l-atturi ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Stephen Ciangura**[35], sid ta' żiemel tat-trott li dakinhar kien qiegħed jipparteċipa fit-tiġrijiet, li qal li hu kien qiegħed isegwi t-tlielaq. Qal li meta bdew itellqu l-ponijiet hu kien in-naħa ta' isfel tat-triq qiegħed isegwi t-tiġrijiet, u f'ħin minnhom kien ħarab poni li baqa' jiġri waħdu sakemm daħal fuq in-nies. Qal li dak il-ħin inqala' paniku minħabba li kien hemm numru ta' persuni feruti, tant hu hekk persuna milli weġġgħet fuq il-post mietet ftit wara. Ix-xhud żied jgħid li waqt l-avveniment ma kien hemm l-ebda *safety precautions* u n-nies tħallew joqogħdu jaraw it-tlielaq mat-triq. Qal li la kien hemm uffiċjali tas-sigurtà u lanqas tal-Pulizija, u lanqas is-sidien taż-żwiemel ma ngħataw xi tip ta' struzzjonijiet dwar minn fejn għandhom itellgħu ż-żwiemel tagħhom. Qal li fl-opinjoni tiegħu, ir-raġuni għalfejn weġġgħu daqstant nies meta ħarab il-poni, kienet li l-kiosk tal-ikel li kien hemm fil-post tħalla jintrama f'nofs it-triq, u hemmhekk kien hemm konċentrament ta' persuni li kienu qegħdin jippruvaw jaraw it-tiġrija.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawżi ta' din ix-xorta l-ewwel indaġni li trid ssir mill-Qorti hija li tistabbilixxi jekk il-konvenut bħala l-persuna li organizza l-attività fejn sfat korruta Shania Micallef, għandux jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Jirriżulta li Shania Micallef ma kinitx l-unika persuna li weġġgħet waqt dan l-avveniment, fejn sfaw feruti wkoll żewġ persuni oħra, li wieħed minnhom sussegwentement tilef ħajtu.

[35] *A fol.* 448 tal-proċess.

Il-Qorti semgħet diversi xhieda jixhdu dwar il-fatt li m'hemm l-ebda dubju li l-organizzatur ta' dan l-avveniment kien il-konvenut Pierre Cuschieri, li f'ismu nħarġet polza tal-assigurazzjoni sabiex tkopri dan l-avveniment, u kien hu li avviċina lill-Malta Drag Racing Association u talab permess sabiex ikun jista' juża t-trakka ta' Ħal Far għat-tlielaq taż-żwiemel. Kien Pierre Cuschieri wkoll li talab għall-preżenza ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija għal dan l-avveniment, u li kien identifikat bħala l-persuna li organizzat dan l-avveniment tant hu hekk il-Pulizija kienet tkellmet miegħu wara dan l-inċident. Xhieda okulari li kienu fuq il-post spjegaw kif il-livell ta' organizzazzjoni ta' dan l-avveniment ma kienx wieħed li jħares regoli bażiċi għas-sigurtà tal-persuni li kienu preżenti għal dan l-avveniment. Fattur ewlieni li ssemma' prattikament minn kull xhud okulari kien li fil-post tal-inċident kien hemm ħafna dlam, u ma kien hemm l-ebda *ushers* jew persuni inkarigati biex jidderieġu lin-nies fejn għandhom joqogħdu sabiex jevitaw ir-riskju ta' xi inċident. Tant hu hekk fl-uniku ritratt li ttieħed waqt dan l-avveniment u li jinsab esebit, uħud min-nies li attendew jidhru saħansitra bilqiegħda fuq il-*barriers* tal-konkrit li tpoġġew fuq it-trakka, minkejja li dawn il-*barriers* kienu maħsuba biex jifirdu t-trakka fejn tellqu ż-żwiemel min-nies. Jidher li anki kiosk għall-bejgħ tal-ikel li kien hemm fuq il-post, intrama f'punt fejn evidentement żied il-periklu għan-nies li attendew għal dawn it-tlielaq, minħabba li nħolqot konċentrazzjoni ta' nies f'post viċin ħafna ta' fejn bdew itellqu l-bhejjem. Jirriżulta li l-*barriers* tal-plastik li tpoġġew mat-trakka ma kinux mimlija bl-ilma, u kuntrarjament għal dak li xehed Paul Pace, li dawn il-*barriers* tal-plastik minkejja li jkunu vojta xorta jifilħu għad-daqqiet tal-karozzi, il-Qorti tqis li s-sens komun jiddetta li ma jistax ikun li dawn il-*barriers* tal-plastik joffru l-istess livell ta' reżistenza u protezzjoni meta jkunu vojta daqskemm meta jkunu mimlija bl-ilma. Għalhekk

il-Qorti tqis li din il-mankanza kienet waħda ferm sinifikanti u indikattiva tan-nuqqas ta' miżuri ta' protezzjoni u ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni li attendew għal dan l-avveniment. Il-Qorti semgħet ukoll diversi xhieda okulari jistqarru kif l-organizzaturi ma bdewx jagħtu ċans li tellieqa tieqaf u t-trakka tiżvojta miż-żwiemel u l-ġerrejja qabel tibda t-tellieqa ta' wara. B'hekk kompliet tiżidied il-konfużjoni f'post li kien diġà qiegħed joħloq ċerti diffikultajiet għax kien mudlam u għax kienet l-ewwel darba li dan il-post minflok għat-tlielaq bil-vetturi kien qiegħed jiġi użat għat-tlielaq tal-bhejjem mingħajr ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet neċessarji. Agħar minn hekk ma kien hemm ħadd jidderieġi lin-nies fejn l-aħjar li joqogħdu, tant li kemm mix-xhieda kif ukoll mir-ritratt esebit, jidher ċar li n-nies tħallew ipoġġu fuq il-*barriers* tal-konkrit li suppost kellhom iservu bħala protezzjoni għan-nies.

Il-Qorti kkonsidrat li fis-sistema legali tagħha kull persuna hi mistennija li twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha[36], u jitqies li jkun fi ħtija kull min jonqos li juża d-diliġenza, prudenza u ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja.[37] Barra minn hekk jitqies li hu fi ħtija kull min jindaħal għal xogħol jew servizz u jikkawża ħsara lil ħaddieħor minħabba fin-nuqqas ta' ħila tiegħu.[38] Huwa ċar li l-konvenut bħala organizzatur ta' dan l-avveniment, naqas li jieħu imqar prekawzjonijiet bażiċi sabiex jassigura s-sigurtà u s-saħħa tal-persuni li attendew għal dan l-avveniment. Dan għaliex il-konvenut naqas milli jiżgura li l-ispettaturi jkunu f'żona sikura u segregata minn fejn kienu qegħdin isiru t-tlielaq, permezz ta' barrikati sodi u effettivi, għaliex jidher ċar li l-barrikati li kien hemm fuq il-post tqiegħdu hemm biss għad-dehra u mhux bħala mezz

[36] L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili.
[37] L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili.
[38] L-artikolu 1038 tal-Kodiċi Ċivili.

effettiv għall-ħarsien tal-ispettaturi. Inolte waqt l-imsemmi avveniment, il-konvenut ma ħax ħsieb li fuq il-post tal-inċident ikun hemm *stewards* u persuni inkarigati mis-sorveljanza li jagħtu direzzjoni lill-pubbliku, bl-uniku uffiċjal tal-Pulizija li kien preżenti li kien għassa mad-dħul u mhux ġewwa t-trakka. Dan kollu apparti ukoll in-nuqqas ta' dawl u ta' senjaletika effettiva fuq il-post tal-inċident, li komplew żiedu mas-sens ta' diżorganizzazzjoni fl-avveniment imsemmi. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li huwa evidenti li r-responsabbiltà għal dak kollu li nqala' waqt l-avveniment imsemmi għandu jġorrha unikament il-konvenut minħabba f'dawn id-diversi nuqqasijiet serji fil-organizzazzjoni tal-imsemmi avveniment.

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għall-inċident mertu tal-kawża, ikun fadal li l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-minuri Shania Micallef, kemm għal dawk li huma danni materjali (*damnum emergens*), kif ukoll fir-rigward tat-telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans*) li l-vittma għadha tista' ssofri minħabba fid-diversi debilitajiet ta' natura permanenti li hija ġarrbet.

*Damnum emergens:*

Mill-irċevuti esebiti mill-atturi, jirriżulta li d-danni materjali li huma kellhom jagħmlu tajjeb għalihom konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża jammontaw għal tlett elef, ħames mija u disgħa u ħamsin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu **(€3,559.94)**.[39]

---

[39] Irċevuti *a fol.* 79-89 u *a fol.* 195-204 tal-proċess.

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[40], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[41], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'dan il-każ jirriżulta li l-vittma tal-inċident, Shania Micallef, kellha tnax-il sena dakinhar li seħħ l-inċident, u kienet għadha studenta. Jirriżulta wkoll minn dak li kkonstataw l-esperti mediċi li xehdu fil-kawża u li lkoll b'xi mod jew ieħor kellhom sehem attiv fil-kura ta' Shania Micallef, li għall-kumplament ta' ħajjitha hija ser tibqa' ssofri minn tliet debilitajiet prinċipali. Mr Briffa kkonstata li għall-farretti li Shania Micallef sofriet f'wiċċha, hija sofriet debilità permanenti ta' 4%. Mr Borg Xuereb ikkonstata li għall-ksur estensiv li sofriet

[40] P.A., 18.02.2013.
[41] P.A., 27.04.2005.

f'rasha, Shania Micallef sofriet debilità permanenti ta' 8%, filwaqt li Dr Mark Xuereb ikkonstata li d-debilità psikoloġika permanenti minħabba l-imsemmi inċident hija ta' 20%. Il-Qorti tqis li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[42], fejn ġie ritenut illi:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et**, App. 20.02.2009)."

Skont il-formula matematika stabbilita għall-komputazzjoni ta' tali *weighted average*[43]*,* din twassal għal rata ta' 23.2% li għall-finijiet ta' prattiċità qiegħda tiġi aġġustata għal 24%, u għalhekk qiegħed jiġi stabbilit li dik hi r-rata ta' diżabilità permanenti sofferta minn Shania Micallef konsegwenza tal-imsemmi inċident.

Shania Micallef kienet għadha studenta l-iskola fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, u għalhekk il-Qorti ser tieħu bħala indikazzjoni tas-salarju tagħha il-paga minima nazzjonali għal persuni li jkunu għadhom m'għalqux l-età ta' sbatax-il sena fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, li kienet ta' €7,933.64 (dħul gross) jew €7,140.28 (dħul nett wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali).

---

[42] 31.01.2014.

[43] Ara Regolament 3 tad-draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity - "Assessment Regulations" tal-2010 maħruġa mill-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja:

$$\frac{(100 - M) \times m}{100} + M$$

'M' tirrappreżenta l-ogħla rata ta' diżabilità;
'm' tirrappreżenta l-aktar rata baxxa ta' diżabilità;

F'każ pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[44], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et'**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[45] mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ġie stabbilit li hu:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.
>
> ...

[44] P.A., 25.02.2016.
[45] 05.03.1986.

Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u f'każ ta' minuri ġie indikat li l-*multiplier* għandu jkun ta' 40. Is-salarju bażiku li qiegħed jiġi stabbilit li l-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ ta' Shania Micallef għandha tinħadem fuqu għas-sena 2013, għandu jiġi aġġustat skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-*multiplier*[46]*,* sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju ta' €7,140.28 + €9,882.15 / 2 = **€8,511.21.**

L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien tal-proċeduri. Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Agius et *vs.* All Services Ltd**[47], ġie ritenut mill-Qorti illi:

"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

---

[46] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

[47] P.A., 02.06.2005.

Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma kienx hemm tali dewmien, għajr għad-differimenti li ntalbu fil-bidu tas-smigħ tal-kawża meta l-partijiet kienu qegħdin jesploraw il-possibiltà ta' tranżazzjoni, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser tipprovdi għal ebda tnaqqis mill-imsemmija 20% għal-*lump sum payment*.

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hi - €8,511.21 x 40 (*multiplier*) = €340,448.60 x 24% diżabilità = €81,707.66 - 20% (*lump sum payment*) = €65,366.13, li magħduda mad-danni attwali sofferti mill-attur, jammontaw għal **<u>€68,926.07</u>** (tmienja u sittin elf, disa' mija u sitta u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi nomine, u tiddikjara li konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi konsistenti fid-debilità permanenti li inkorriet binthom minuri Shania Micallef b'riżultat tal-inċident illi seħħ fit-3 ta' Mejju, 2013 waqt avveniment organizzat mill-konvenut ta' tiġrijiet taż-żwiemel u ponijiet miżmum fil-korsa tal-Kwart ta' Mil f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nomine fis-somma ta' tmienja u sittin elf, disa' mija u sitta u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi (€68,926.07);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi nomine s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.